MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 92/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Micallef)**
**Vs**

**Anthony Callus**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**

**1) fid-29 ta' Ottubru 2001 u/jew f'xi data qabel din xjentement kellhu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu Digital Satellite Receiver DSB 2200 tal-marka Echostar. L-importazzjoni tal-oggett hawn fuq imsemmi hija projibita u/jew ristretta. Dan ghandu valur ta' Lm85.57 u dazju ta' Lm6.16 liema dazju ma**

**giex imhallas u/jew kawtelat – Artikolu 60(a)(b)(c)(k); Artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) Kap 37;**
**2) fuq talba tal-Kummissarju tal-VAT talli fid-29 ta' Ottubru 2001 u/jew f'xi data qabel din xjentement kellhu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu Digital Satellite Receiver DSB 2200 tal-marka Echostar. L-importazzjoni ta' dan l-oggett hu projibit u/jew ristrett. Dan ghandu valur ta' Lm91.73 u li fuqu kellhu jithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud liema taxxa tammonta ghal Lm13.76 liema taxxa ma gietx imhalsa u/jew kawtelata – Artikolu 80 Att XXIII fuq il-Valur Mizjud;**
**3) fl-istess zmien gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fi zmien li kien impjegat mal-kumpanija AirMalta bhala loader, ikkommetta serq ta' Digital Satellite Receiver DSB 2200 tal-marka Ecohostar liema serq huwa kwalifikat bil-persuna;**
**4) fl-istess zmien u cirkostanzi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu, 2005, li biha wara li rat l-artikoli 62(g)(k) tal-Kap. 37 u l-artikolu 80 tal-Att XXIII/98, sabet lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza w ikkundannatu multa komplessiva ta' LM362 filwaqt li ma sabitux hati tal-akkuzi l-ohra.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 t'April, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-esponent hati ta' l-akkuzi u minnhom illiberatu, thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-esponent hati taht l-ewwel u t-tieni akkuzi w minflok tiddikjara lill-esponent mhux hati w tilliberah minn kull akkuza, htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe' :-. Illi l-ufficjal prosekutur kien esebixxa affidavit ta' x-xhud Sciberras li kien jikkontradici l-verzjoni tal-**

**appellant u naqas li jipprezenta stqarrija tal-istess xhud mehuda mill-ispettur u din giet prodotta biss fuq talba tad-difiza ghall-fini ta' kontroll tax-xhud stante illi kien qed jaghmel dikjarazzjonijiet illi ma jaqblux ma dak li kien iddikjara precedentement fl-istqarrija tieghu. Illi l-appellant kien dejjem ko-erenti f' dak li stqarr sa mill-ewwel darba li kellmu l-ispettur sa meta xehed bil-gurament fil-proceduri odjerni u minn dan jirrizulta li kien Sciberras li ngannah bil-pakkett kif Sciberras ammetta fl-istqarrija msemmija. Li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet stante li hu mhux talli ma kienx jaf talli lanqas seta' kien jaf mill-mod ta' kif graw ic-cirkostanzi li fuq l-oggett imgezwer ma kienx thallas dazju. Ghalhekk kien jonqos l-element li hu agixxa xjentement, element rikjest mill-istess ligi skond il-gurisprudenza minnu citata; illi l-istess ragunament ghandu jkun applikat fir-rigward tal-imputazzjoni li tikkoncerna l-Att dwar it-Taxxa dwar il-Valur Mizjud fejn ukoll ma jirrizultax li agixxa xjentement ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-appellant fl-ewwel lok qed jilmenta mill-fatt li l-Ispettur li mexxa l-prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti esebixxa affidavit tax-xhud Sciberras u mhux l-stqarrija li dax-xhud kien ghamillu w li din giet esebita biss fuq insistenza tad-difiza. Bhala fatt dan ma hux korrett. Li gara kien li waqt li kien qed jixhed ix-xhud tal-prosekuzzjoni Sciberras , assistit mill-legali tieghu Dr. Mark Fenech, dan fil-kors tad-depozizzjoni tieghu hass li ghandu jesebixxi l-affidavit tieghu Dok. CS (fol. 18) u ma kienx l-Ispettur Prosekutur li esebieh. Jidher li l-Ewwel Qorti deherilha li dad-dokument kien rilevanti w ammettietu kif kellha kull dritt li taghmel u**

**fil-fehma ta' din il-Qorti ma ghamlet xejn hazin b' hekk.**

**Veru li sussegwentement fuq insistenza tad-difiza (fol. 63) giet ukoll esebita l-istqarrija tal-istess Sciberras lil Pulizija, (fols. 64 u 65) liema stqarrija setghet serviet ghall-kontroll tax-xhud mill-istess difiza u li din ma gietx esebita mill-Ispettur Prosekutur "sua sponte". Veru wkoll li issa skond l-artikoli 584 u 586 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-artikolu 645 tal-Kap.9, il-parti li ggib ix-xhud tista' tikkontradicieh bi prova ohra w tista' ukoll tipprova li f' okkazzjonijiet ohra huwa jkun ghamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xhieda li jkun qieghed jaghti , b' dan li f' dan il-kaz iridu jigu segwiti l-proceduri ndikati fl-artikolu 586 tal-istess Kap.12. Pero' l-Prosekutur ma kien bl-ebda mod obbligat li jipproduci l-istqarrija li l-istess xhud kien ghamel mall-Ispettur jekk ma hassx li ghandu jikkontrollah jew jikkontradicieh biha.**

**Fuq kollox, kif jghid l-istess rikorrent fir-rikors tal-appell tieghu, u kif del resto jirrizulta wkoll mill-atti processwali, din l-istqarrija in effetti giet ukoll esebita quddiem l-Ewwel Qorti w ghalhekk ma jirrizultax li l-appellant gie mcahhad milli jgib xi prova rilevanti li ried li tingieb. Ghalhekk dan l-aggravju, jekk jista' jitqies bhala tali, hu manifestament infondat.**

**Illi sorvolata din il-lanjanza tal-appellant, l-aggravji l-ohra kollha tal-appellant fuq riassunti huma kollha bazati fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-**

**Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**"** **[31.5.1991]** ; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**"** **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar xi wiehed mill-ewwel zewg imputazzjonijiet**

**Illi l-provi kontra l-appellant huma prova cirkostanzjali gejja mill-fatt li fid-29 t' Ottubru, 2001, fil-locker tieghu gor-*rest room* tal-*loaders*, fil-kumpless tal-ajruport internazzjonali ta' Hal-Luqa, nstab decoder li kien insteraq mill-valiggja li nizlet minn ajruplan jumejn qabel u li fuqu ma kienx ghadu thallas id-dazju w l-VAT. Ghalkemm Clifton Sciberras , *loader* iehor , fl-istqarrija li hu kien irrilaxxja lil-Pulizija fl-istess jum kien qal li dan id-decoder kien serqu hu flimkien ma erba *decoders* ohra u li wara li hareg erba' minnhom u poggihom fil-car tieghu, kien beza' jissogra aktar u kien qal lil wiehed minn shabu (bla ma semma min kien) biex izommhielu sakemm johrogha darb' ohra, dax-xhud kemm fl-affidavit tieghu tat-30 t' Ottubru, 2001 fuq imsemmi (fols. 20 u 21) kif ukoll fiz-zewg depozizzjonijiet tieghu quddiem l-Ewwel Qorti (a fols. 16 sa 19 u a fols. 78 u 79) cahad kull involviment tieghu stess fil-kaz u b'ebda mod ma semma lill-appellant hlief li qal li dan iddahhal fil-kamra fejn hu kien qed jigi interrogat mill-Pulizija w konfrontat mieghu. Qal biss li hu ma kienx habib tal-appellant u ghalkemm kien jaf li kien jahdem bhala *loader* bhalu,**

**kellhom *shifts* differenti w qatt ma kienu tkellmu hlief "*sahha"* u "*bongu*".**

**Il-versjoni tal-appellant moghtija kemm fl-istqarrija tieghu (fols.38 u 39) kif ukoll fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti (fols.66 sa 70) kienet li din il-kaxxa kontenenti d-*decoder*, kienet fil-*locker* tieghu pero' li hu ma kienx jaf x' kien fiha qabel ma ra miftuha mill-Pulizija, kien tahielu *loader* iehor li ma kienx jaf x' jismu izda li aktar tard sar jaf li kien jismu Clifton Sciberras is-Sibt ta' qabel f' xi hin wara nofsinhar. Dan Sciberras kien avvicinah fil-kamra stess u talbu biex izommlu din il-kaxxa peress li beza' li din setghet tinsteraqlu mill-locker tieghu, ghax ma kienx jinghalaq. Minn dak in-nhar tas-Sibt, 27 t' Ottubru sad-29 t' Ottubru, 2001, ma rax lil din il-persuna. Qal li ma din il-persuna kien jghid *"sahha*" u "*bongu"* biss ghax ma jahdimx mas-*shift* tieghu u dak li ghamel , ghamlu bi pjacir. Mistoqsi mill-ispettur fl-istqarrija jekk min-nhar is-Sibt, 27 sa dak in-nhar , 29 t' Ottubru, kienx ghaddhielu suspett li din il-kaxxa u li kien hemm go fiha setghet kienet misruqa, l-appellant wiegeb li le.**

**Fix-xhieda tieghu fis-sustanza itenni dak li kien qal fl-istqarrija, pero' jaghti x' jifhem li jum wiehed biss baqghet fil-locker il-kaxxa ghax jghid li t-tfittxija saret l-ghada filghodu li hu kien irceva l-kaxxa. Cahad li lis-Surgent li kien sab il-kaxxa kien qallu biex jaghalaq ghajnejh ghax hu lis-Surgent ma kellmux.**

**In kontro-ezami umbaghad l-appellant mistoqsi jekk qattx kien ghamel xoghol ta' hatt fuq ajruplani wiegeb li iva kien jaghmel dat-tip ta' xoghol u mistoqsi x' kienet il-procedura meta jinhatt ix-xoghol fuq ajruplan , qal li *"ftit mill-affarijiet li jinhattu* <u>bhal decoders</u> *u affarijiet simili jittiehdu l-cargo u l-bqija jittiehed fl-arrival. Dak ix-xoghol li jittiehed il-cargo imur hemm direttament . Jiena ma nistax neskludi kif qiehed jissuggerili l-ufficjal prosekutur li dan ix-xoghol jithalla f' post specifiku fil-miftuh sakemm jittiehed il-cargo."***

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et**." [21.3.2003], l-pozizzjoni legali dwar ir-rekwizit tax-xjenza f' certi sub-incizi tal-artikoli 60 u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana giet trattata "*funditus*" f' numru ta' sentenzi tal-Qrati Taghna .Hekk fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet** "Il-Pulizija vs. Victor Calleja" **[24.8.1990] gie ritenut hekk :-**

***"Il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Anthony Mifsud u George Grima " deciza fit-12 ta' Gunju, 1989 "***

***"Fid-dawl ta' dak li fuq inghad , din il-Qorti jidhrilha li l-pozizzjoni legali tista' tigi enuncjata hekk :- "***

***"Kazijiet taht l-artikolu 62 : "***

***"Il-Ligi ma tuzax il-kelma xjentement fil-paragrafi kollha ta' dan l-Artikolu."***

***"Min jimporta oggetti li l-importazzjoni taghhom hi projbita , min jizbarka tali oggetti, min iwarrab oggetti mportati qabel jigu ezaminati mill-ufficjal inkarikat mid-Dwana , huwa awtomatikament passibli minghajr il-htiega tal-prova tax-xjenza."***

***"Hawn il-prosekuzzjoni trid tipprova l-fatti materjali kif jinkwadraw ruhhom taht dawn il-paragrafi."***

***"M'hemm bzonn lanqas li fil-kazijiet specifici l-imputat kien jaf li l-importazzjoni kienet projbita . Gie deciz li din hija kwistjoni ta' ligi u mhux ta' fatt . Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza Pulizija vs. Raymond Debono deciza fit-28 ta' Lulju, 1988."***

***"Paragrafi ohra ,pero' , jirrikjedu ix-xjenza . Dawn huma s-subincizi (e) sa (i) tal-istess artikolu 62."***

***"Taht il-paragrafu (f) per ezempju , il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat agixxa xjentement biex***
***a) laqa' etc. ghandu l-oggetti in kwistjoni '***
***b) li tali oggetti ghandhom l-importazzjoni projbita jew limitata ,***
***c) jew tali oggetti kienu zdazjati ,***
***d) jew li tali oggetti kienu gew imwarrba minghajr hlas ta' dazju mill-postijiet imsemmija fl-istess subinciz."***

***Kif qalet il-Qorti fil-kawza kontra Mifsud , jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant zamm ghandu jew laqa' ghandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju b'daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement , altrimenti l-kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghalxejn."***

***"Il-prova tax-xjenza naturalment twassal sal-grad li l-appellant kien jaf jew ma setax ma kienx jaf , li l-oggetti li nstabu ghandu kienu ta' natura ta' dawk imsemmija fil-paragrafi rilevanti tal-kap. 37 "***

**Umbaghad fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. John Mary Deguara" [7.9.1990] gie deciz li :-**

***"Hu l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova x-xjenza ." u ".....huwa zbaljat li wiehed japplika l-principji tal-Artikolu 77 tal-Kap.37 meta l-appellant ma tax l-eccezzjonijiet rizultanti taht tali artikoli ."***

**Fl-Appell Kriminali "Il**-Pulizija vs. Carmel sive Charles Azzopardi **" [22.9.1993] fejn id-difiza ssollevat in-nuqqas ta' xjenza u ta' mens rea tal-imputat fil-partecipazzjoni tieghu fir-reat lilu addebitat gie ritenut li :-**

***" Jigi osservat immedjetament rigward dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali , illi f'kazijiet precedenti fejn l-istess punt inqala' u gie deciz , il-pozizzjoni illi hadet din il-Qorti kienet fis-sens li dak illi kien gie deciz mill-Imhallef Harding, President ta'***

*din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1945 in re. 'Il-Pulizija vs. Anthony Preca', fejn , ghall-fini tal-ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall-fuq l-imputat , kienet saret distinzjoni importanti bejn il-kaz fejn l-imputat ikun l-importatur u l-kaz l-iehor fejn l-imputat ma jkunx il-komplici tieghu imma jkun assista fl-iskarikar tal-merkanzija .F'dik is-sentenza, li giet imbaghad sussegwentement segwita b'diversi sentenzi ohra fosthom dik in re "Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia" deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1991 , kien gie deciz li ghalkemm huwa veru li skond il-ligi f'akkuza ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju , il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill-imputat , cio' nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tieghu jew l-esekutur immedjat tal-att ta' kuntrabandu u l-kaz li l-imputat ikun haddiehor . F'dan l-ahhar kaz jinhtieg ghalll-kontravvenzjoni ir-rekwizit tax-xjenza , igifieri li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx gie imhallas."*

**u**

*"....ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li id-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas , kellu r-rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li id-dazju thallas ........Wiehed pero ' jrid* **joqghod attent** *f'sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f'nasba ta' spostament ta' ragonament pseuodologiku....Skond din il-Qorti l-ordni li ghandu jigi segwit huwa illi ghandu jigi stabilit l-ewwel u qabel kollox , x'tip ta' attivita' kienet qed issir mill-appellant . Ghal dan il-fini , din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur ta' l-oggetti , jew il-*

***komplici ... jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir , tinkombi fuq il-prosekuzzjoni , imbaghad una volta stabilit dan , cioe' li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x'inhu jigri , l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-ligi . Pero' inizjalment kif inghad, il-prova trid issir mill-Prosekuzzjoni. "***

**Illi dan l-insenjament u din id-distinzjoni gew segwiti minn din il-Qortu diversament preseduta fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Francis Xavier sive Franco Borg" **[23.9.1994] fil-kaz ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju bi ksur tal-paragrafi (g) u (h) tal-Artikolu 62.**

**Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza din il-Qorti esprimiet ruha hekk fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Louis Frendo" **[12.3.1999] :-**

*"...dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f'dak il-kaz , il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf , jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi , li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti ma kienx imhallas . Din hi t-tifsira ta' dan ir-rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap.37 ."*

**Ikkonsidrat;**

**Issa fil-waqt li hu minnu li biex jirrizultaw l-ewwel zewg imputazzjonijiet mhux biss irid jigi pruvat il-pussess materjali tal-oggett mhux zdazjat, imma jrid ikun hemm ukoll il-provi tax-xjenza li dak l-oggett ma kienx thallas id-dazju jew it-taxxa tas-sisa fuqu. Pero' dan l-element tax-xjenza, anki jekk jigi michud mill-persuna suspettata, jista' jigi pruvat minn provi indizjarji li jkunu jindikaw li tali xjenza kien hemm jew suppost li kien hemm. Issa l-Ewwel Qorti ghamlet l-evalwazzjoni taghha ta' dawn ic-cirkostanzi w kkonkludiet li dan l-element tal-pussess xjenti kien jirrizulta pruvat fiz-zewg imputazzjonijiet.**

**Veru li l–Ewwel Qorti stranament sabet ukoll li ma kienetx tirrizulta r-raba' imputazzjoni ta' ricettazzjoni mentri sabet li pero' jirrizultaw ir-reati taht il-Kap.37 u l-Att XXIII fuq il-Valur Mizjud, pero', apparti kull opinjoni li jista' jkollha din il-Qorti dwar il-liberazzjoni tal-appellant mir-raba imputazzjoni li dwarha ma hemmx appell mill-Avukat Generali f' dan il-kaz, ghalkemm saret in-Nota mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn kien iddikjara li behsiebu jappella, c-cirkostanzi kollha akkompanjanti l-kaz setghu legalment wasslu lill-Ewwel Qorti biex legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet.**

**Di fatti, anki jekk kellha titwemmen il-versjoni tal-appellant, li hu irceva kaxxa ssigillata minghand ix-xhud Clifton Sciberras, fatt michud minn Sciberras, dan il-fatt ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti ma jezonerahx mir-responsabbilta' kriminali taht l-ewwel zewg imputazzjonijiet. Bhala *loader* kien jaf is-sistema ta' hemm gew u kif jinhattu l-bagalji u l-merkanzija li tista' tigi mall-bagalji fuq l-ajruplani. Dan stqarru hu stess. Hu "*common knowledge*" li merkanzija li tigi minn barra ma tistax tibqa' hierga mill-ambjenti *"restricted*" tal-ajruport bla ma tigi kklerjata mid-dwana u , fejn hu l-kaz jithallas id-dazju fuqha. Umbaghad mhu xejn verosmili, lanqas sal-grad tal-probabbli li persuna li tahdem hemm gew tigi rinfaccata minn sitwazzjoni li persuna li bil-kemm tafha titlobha li zzommilha pakkett issigillat fil-*locker* u din taccetta ciekament bla ma ssaqsi l-pakkett x' kien fih, u x' hin il-persuna li tkun tatu l-pakkett kien behsiebu jigi biex jiehdu lura. Jekk jitwemmen l-appellant li gara kien li l-appellant accetta dan minghand persuna li ma kienx xi habib tieghu u allura forsi aktar seta' jafdha u dan l-oggett sahansitra thalla fil-*locker* tieghu jumejn mis-**Sibt 27 t' Ottubru, sat-Tnejn 29 t' Ottubru, 2001 - **mhux gurnata kif ipprova jaghti l-impressjoni fix-xhieda tieghu l-appellant – u b' dana kollu ma jigih ebda suspett.**

**Umbaghad hemm cirkostanzi indizjarji ohra li jitfghu dubju serju fuq il-kredibilita' tal-appellant . L-ewwel wahda hi li meta l-Pulizija dahlu biex ifittxu fil-lockers, PS 1361 Raymond Busuttil innota li l-appellant jillarga qiesu bil-mohbi tant li hu ha l-impressjoni li kien qed jipprova jiskarta. Umbaghad meta ftit wara nstabet il-kaxxa, l-appellant mistoqsi minn fejn kien gabha, talab lis-Surgent** <u>biex jaghmel ta' bir-ruhu li ma ra xejn !</u> **(fol.47). Veru li l-appellant jichad dic-cirkostanza pero' din il-Qorti aktar temmen il-versjoni tas-Surgent milli tal-appellant li ovvjament ghandu interess li jinnegha. L-istess Surgent qal li mill-kitba li kien hemm fuq il-kaxxa seta' jinduna li kien fiha decoder" u dan hu evidenti mir-ritratt esebit "Dok MS3 A". Din il-kaxxa raha w gharafha ukoll ix-xhud Vincent Monaco li kien prezenti waqt is-*"search*" bhala dik indikata fil-fotografija "A" fuq imsemmija.(fol. 53-54). Allura bl-istess mod l-appellant kien imissu nduna x' kien fiha l-kaxxa. Veru li l-appellant xehed li l-kaxxa kienet mghottija b' karta kannella w ssigillata , izda f' dan mhux konfortat minn dawn iz-zewg xhieda.**

**Minn dawn il-fatti, anki jekk jitwemmen l-appellant li kien Sciberras li tah il-kaxxa, xorta wahda kien imissu intebah li kien hemm xi haga suspettuza f' din il-konsenja w li dak li kien qed isir kien biex titwarrab u tinheba kaxxa merkanzija li ma kienx postha li tkun ghandu w li fuqha kien ovvju li ma kienx ghadu thallas id-dazju w taxxa tas-sisa.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata w tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u senjatament il-fatt li l-istess appellant kien jahdem f' ambjent fejn tasal merkanzija minn barra, kien jaf il-procedura tal-hatt mill-ajruplani w x' suppost isir mill-merkanzija w li hu zgur kien jaf li tali merkanzija suppost li kellu jithallas dazju fuqha w fejn hu gie taht cirkostanzi ferm suspettuzi fil-pussess ta' oggett li facilment seta' jahseb li seta' kien merkanzija mhux zdazjata , din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti setghet ragonevolment u**

**legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha fis-sentenza appellata w ghalhekjk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba d-decizjoni taghha.**

**Dan s' intendi japplika ukoll ghall-element tax-xjenza rikjest ukoll taht it-tieni imputazzjoni dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. U anki hawn din il-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi , kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal biex tikkonkludi li l-appellant kien hati tat-tieni imputazzjoni w ghalhekk din il-Qorti ma' ghandix ghalfejn tissostitwixxi il-gudizzju taghha ghal dik tal-Ewwel Qorti.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------